**MALTA**

**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-23 t'Ottubru, 2018.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**Rikors Numru 1087/2012**

***Wolf Vom Schloss***
**(I.D. 29032 A)**

**vs.**

***Education Limited***
**(C – 15368)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-30 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi permezz ta’ ftehim bejn min-naha l-wahda r-rikorrenti u is-socjeta` *Going International*, u min-naha l-ohra *Inlingua School of Languages* datat l-10 ta’ Mejju, 2005, is-socjeta` intimata qablet li thallas “*commission*” ta’ 5.5% fuq il-hlas ta’ kull kors li jhallsu l-istudenti mibghuta biex jitghallmu l-Ingliz fl-iskola tas-socjeta` intimata mill-imsemmija socjeta` *Going International* fil-Germanja, (ara foll 5);

1.2. Illi skont ftehim datat it-28 t’April, 2008, il-kontendenti f’din il-procedura qabblu li s-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti mitt ewro, (€100.00), fil-gimgha ghal kull student li jaghzel li jiehu kors mas-socjeta` *Inlingua*, (ara foll 6);

1.3. Illi permezz tal-istess ftehim indikat fil-paragrfu precedenti r-rikorrenti obbliga ruhhu wkoll li jghaddi x-xoghol kollu li jkollu lis-socjeta` intimata, (ara foll 6);

1.4. Illi f’kaz li xi parti tonqos li tonora l-obbligi taghha, l-parti l-ohra tkun intitolata ghall-kumpens ta’ mitt elf ewro, (€100,000.00), (ara foll 7);

1.5. Illi dawn l-istess kundizzjonijiet fuq indikati gew rikonoxxuti wkoll minn Dwardu Gatt ghan-nom tas-socjeta` intimata, (ara foll 8);

1.6. Illi r-rikorrenti dejjem onora l-obbligi tieghu, waqt li s-socjeta` intimata naqset li thallas dak dovut lir-rikorrenti;

1.7. Illi s-socjeta` intimata tikkontendi li m’ghandha thallas xejn lir-rikorrenti;

1.8. Illi minkejja li s-socjeta` intimata giet debitament interpellata biex thallas lir-rikorrenti dak minnha dovut, din baqghet inadempjenti, (ara foll 9);

1.9. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara li r-rikorrenti ottempera ruhhu mal-ftehim konkluz mas-socjeta` intimata;

1.9.2. Tiddikjara li s-socjeta` intimata naqset li tonora l-obbligi kuntrattwali taghha;

1.9.3. Tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrenti;

1.9.4. Tordna lis-socjeta` intimata thallas is-somma hekk likwidata lir-rikorrenti;

1.9.5. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat it-8 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 10);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-26 ta' Novembru, 2012, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti, (ara foll 17):

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati peress li fil-5 ta' Marzu, 2008, ir-rikorrenti ma kellux x'jaqsam mas-socjeta` intimata, (ara foll 25);

3.2. Illi mhux minnu li fit-28 t'April, 2008, gie iffirmat ftehim mar-rikorrenti peress li dan kien biss abbozz u qatt ma gie iffirmat mir-rikorrenti, (ara foll 26);

3.3. Illi f'dan ir-rigward, in-negozjati baqghu ghaddejjin sal-1 ta' Lulju, 2008, (ara foll 26);

3.4. Illi r-rapprezentant tas-socjeta` intimata baghtet abbozz iehor bl-emendi kif mitluba mir-rikorrenti *tramite* l-mara tal-istess rikorrenti kontenenti klawsola mizjuda rigwardanti l-"*golden hand-shake*" ta' tlett elef ewro, (€3,000.00), pretizi mir-rikorrenti, (ara foll 29);

3.5. Illi wara l-abbozz tal-1 ta' Lulju, 2008, ir-rikorrenti rega' talab termini ohra u kummissjoni fuq studenti mibghuta mill-principal taghhom fil-Germanja u/jew xi pajjiz iehor, (ara foll 30);

3.6. Illi f'Gunju, 2008, Edward Gatt, b'notament li kien kiteb ma martu, irregistra dak li r-rikorrenti kien qed jippretendi, (ara foll 31);

3.7. Illi permezz ta' *e-mail* datata t-2 ta' Lulju, 2008, Maryse Gatt infurmat lir-rikorrenti li ma kienitx ippreparata thallas kwalsiasi kummissjoni fuq studenti gia` mibghuta lilha minn *Inlingua*, u hegget lir-rikorrenti jiffirma t-tieni abbozz lilu minnhom mibghut, (ara foll 30);

3.8. Illi *stante* li ma intlahaq l-ebda ftehim bejn il-partijiet, is-socjeta` intimata accettat ir-rizenja tar-rikorrenti datata l-5 ta' Marzu, 2008;

3.9. Illi anke mart ir-rikorrenti ghazlet li ma tirritornax ghax-xoghol wara s-16 ta' Lulju, 2008;

3.10. Illi l-ebda ftehim ma intlahaq bejn il-kontendenti, (ara foll 32);

3.11. Illi sussegwentement b'mod frawdolenti, abbusiv u illegali r-rikorrenti iffirma l-ewwel abbozz li fuqu ma intlahaq l-ebda ftehim li jgib id-data tat-28 t'April, 2008 – liema dokument hu ghalhekk null;

4. Rat ukoll il-kontro-talba tas-socjeta` intimata formanti parti mill-istess risposta fuq riferita fejn is-socjeta` intimata sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 21):

4.1. Illi l-iskrittura datata t-28 t'April, 2008, abbuzivament iffirmata mir-rikorrenti, (ara foll 7), kien biss abbozz ta' ftehim mibghut lir-rikorrenti rikonvenzjonat mis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti li qatt ma kien gie iffirmat mill-istess socjeta`, u kien sorpassat b'abbozz iehor, (ara foll 28);

4.2. Illi sussegwentement l-istess rikorrenti rega' talab termini u kummissjoni ohra, (ara foll 30);

4.3. Illi l-fatti elenkati fir-risposta japplikaw ukoll ghall-kontro-talba u jirrizulta li:

4.3.1. Il-partijiet involuti baqghu ghaddejjin bi trattattivi biex jaslu fi ftehim, (ara foll 30);

4.3.2. Illi d-diskussjonijiet fallew;

4.3.3. Illi fil-5 ta' Marzu, 2008, r-rikorrenti irrizenja mill-impjieg li seta' kellu mas-socjeta` intimata;

4.4. Illi ghalhekk ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti;

4.5. Illi anke mart ir-rikorrenti m'irritornatx ghax-xoghol mas-socjeta` intimata wara s-16 ta' Lulju, 2008;

4.6. Illi ghalhekk ma kien konkluz l-ebda ftehim bejn il-kontendenti, (ara foll 32);

4.7. Illi r-rikorrenti iffirma l-ewwel abbozz b'qerq, (ara foll 7), meta l-istess rikorrenti kien jaf li:

4.7.1. L-istess abbozz kien superat b'abbozz iehor;

4.7.2. Ma kien intlahaq l-ebda ftehim finali bejn il-partijiet;

4.8. Illi ghalhekk l-abbozz iffirmat mir-rikorrenti sar b'qerq, abbuz u bi frodi *daparte* tal-istess rikorrenti u ghalhekk, null u minghajr effett;

4.9. Illi *ai termini* tal-artiklu 71 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 13), l-ebda persuna ma tista' tagixxi ta' agent tal-kummerc jekk ma jkolliex id-debita licenzja mill-Awtorita` Regolatorja;

4.10. Illi r-rikorrenti m'ghandux din il-licenzja;

4.11. Illi ghalhekk, is-socjeta` intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

4.12. Illi ghalhekk ukoll ir-rikorrenti ma jikkwalifikax ghall-kummissjoni minnu mitluba;

4.13. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata rikonvenzjonanti qed titlob lill-qorti biex:

4.13.1. Tiddikjara li l-abbozz datat it-28 t'April, 2008, hu irritu u null *stante* li sorpassat b'abbozz sussegwenti u negozjati ohra li qatt ma wasslu ghall-ftehim bejn il-partijiet;

4.13.2. Tirrixxindi, tannulla, u thassar l-abbozz datat it-28 t'April, 2008, *stante* li dan kien rizultat ta' frodi, null u invalidu;

4.13.3. Tiddikjara lir-rikorrenti rikonvenzjonat qatt ma kien rikonoxxut bhala agent tal-kummerc mis-socjeta` intimata jew mill-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerc *stante* li qatt ma ntlahaq ftehim bejn il-kontendenti u qatt ma gie registrat mall-Kamra tal-Kummerc;

4.13.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess kontro-talba;

5.0. Rat ir-risposta tar-rikorrenti rikonvenzjonat ghall-kontro-talba tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti datata z-19 ta' Dicembru, 2012, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 46):

5.1. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti huma infondati;

5.2. Illi ma iffirmax l-iskrittura datata t-28 t'April, 2008, abbuzivament;

5.3. Illi iffirma l-istess skrittura wara li kien ircieva l-istess minghand Maryse Gatt – iffirmata minnha stess;

5.4. Illi mhux minnu li hu kien iffirma l-imsemmija skrittura wara t-22 ta' Frar, 2012;

5.5. Illi hu minnu li kien hemm abbozzi ohra tal-istess skrittura li kienu iffirmati wara t-28 t'April, 2012, izda qatt ma kien hemm qbil fir-rigward;

5.6. Illi ta r-rizenja tieghu bil-miktub fil-5 ta' Marzu, 2008, u hemm kien gia` hemm referenza ghall-ammonti dovuti lilu mis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti;

5.7. Illi t-trattattivi bejn il-kontendenti baqghu ghaddejjin sakemm intlahaq ftehim kif redatt fl-iskrittura datata t-28 t'April, 2008, (ara foll 6);

5.8. Illi hu ma kienx qed jagixxi bhala agent tal-Kummerc;

5.9. Salv risposti ohra ulterjuri;

6. Rat id-digriet taghha datat is-7 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 226);

7. Rat id-digriet ulterjuri taghha datat iz-17 ta' Jannar, 2018, li permezz tieghu, wara talba appozita tar-rikorrenti, estendiet it-termini precedentement moghtija lir-rikorrenti ghall-ghan indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 227 u 228);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti rikonvenzjonat datata it-30 ta' Jannar, 2018, (ara foll 231), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimat rikonvenzjonanti datata d-9 t'April, 2018, (ara foll 244);

9. Semghet ix-xhieda prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti esebiti, flimkien mad-dikjarazzjonijiet ipprezentati *in atti*;

11. Rat il-verbal datat l-24 t'April, 2018, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet infurmaw lill-qorti li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti taghhom, (ara foll 260);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

12.1. Illi bejn ir-rikorrenti u s-socjetajiet *Going International* u *Inlingua School of Languages* kien hemm ftehim datat l-10 ta' Mejju, 2005, (ara foll 5);

12.2. Illi permezz tal-istess ftehim is-socjeta` *Inlingua School of Languages* qablet li thallas lir-rikorrenti kummissjoni ta' hamsa punt hamsa fil-mija, (5.5%), fuq kull kors li jhallsu l-istudenti mibghuta biex jitghallmu l-Ingliz fl-iskola tas-socjeta` intimata;

12.3. Illi s-suggett tal-procedura in dizamina hu l-ftehim datat it-28 t'April, 2008, (ara foll 6);

12.4. Illi fir-rigward ta' dan il-ftehim ir-rikorrenti jsosstni li hu u s-socjeta` intimata qabblu li:

12.4.1. Is-socjeta` intimata thallas mitt ewro, (€100.00), fil-gimgha lir-rikorrenti ghal kull student li jaghzel li jiehu l-kors organizzat mill-istess socjeta`;

12.4.2. Ir-rikorrenti jghaddi x-xoghol kollu li jkollu lill-istess socjeta` intimata;

12.5. Illi f'dan ir-rigward krucjali pero`, il-posizzjonijiet tal-kontendenti jvarjaw;

12.6. Illi s-socjeta` intimata ssosstni:

12.6.1. Li r-rikorrenti ma kellux x'jaqsam aktar maghha wara l-5 ta' Marzu, 2008, (ara foll 25), u

12.6.2. Li l-ftehim datat it-28 t'April, 2008, qatt ma kien gie iffirmat minnha, (ara foll 17 u 29), u kien ghadu biss abbozz taht diskussjoni;

12.7. Illi l-istess socjeta` intimata ssosstni wkoll li l-istess abbozz ta' ftehim datat it-28 t'April, 2008, riferit fil-paragrafu precedenti kien gie iffirmat b'qerq mir-rikorrenti, (ara foll 17 u 123);

12.8. Illi l-imsemmija socjeta` intimata issosstni li baqghu ghaddejjin negozjati bejn il-kontendenti anke wara t-28 t'April, 2008, (ara foll 206);

12.9. Illi ghalhekk, kull ma jirrizulta fir-rigward hu li r-rikorrenti minn jeddu u unilateralment, iffirma l-abbozz ta' ftehim datat it-28 t'April, 2008, meta t-trattattivi bejnu u bejn is-socjeta` intimata ma kienux ghadhom konkluzi;

12.10. Illi r-rikorrenti jinvoka l-klawsola numru 9 tal-ftehim tat-28 t'April, 2008, (ara foll 7 u 1 rispettivament), u permezz tal-istess qed jitlob il-kumpens kospikwu hemm indikat minhabba l-allegat ksur tal-ftehim *de quo* daparti tas-socjeta` intimata;

12.11. Illi s-socjeta` intimata, waqt li ssosstni li n-negozjati bejn il-partijiet ma kienux konkluzi, pprezentat abbozz ulterjuri sussegwenti ghal dak datat it-28 t'April, 2008, attwalment datat Gunju, 2008, (ara foll 28), liema abbozz intbghat lir-rikorrenti, (ara foll 21), izda qatt ma gie ffirmat, (ara foll 29);

12.12. Illi jirrizulta li wara li rcieva l-imsemmi abbozz datat Gunju, 2008, indikat fil-paragrafu precedenti, r-rikorrenti talab lis-socjeta` intimata termini ohra rigwardanti, (ara foll 31):

12.12.1. Il-kummissjoni minnu pretiza; u

12.12.2. *Golden Handshake* meta jirtira;

12.13. Illi permezz ta' *e-mail* datata t-2 ta' Lulju, 2008, dawn il-proposti tar-rikorrenti kienu respinti mis-socjeta` intimata, (ara foll 30);

12.14. Illi wara li ghalhekk ma intlahaq l-ebda ftehim bejn il-partijiet, is-socjeta` intimata accettat ir-rizenja tar-rikorrenti datata l-5 ta' Marzu, 2008, (ara foll 25);

Ikkunsidrat:

13. Illi l-ewwel vertenza li ghandha hawn tigi rizolta hi jekk verament jezistix kuntratt vinkolanti bejn il-partijiet;

14. Illi r-rikorrenti jallega li dan il-kuntratt vinkolanti hu dak datat it-28 t'April, 2008, (ara foll 6);

15. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata ssosstni li l-istess ftehim indikat fil-paragrafu precedenti kien biss abbozz bejn il-partijiet li f'dak l-istadju kienu ghaddejjin bin-negozjati taghhom li eventwalment ma hallew l-ebda frott;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi fir-rigward jigi sottolineat is-segwenti:

16.1. L-ezistenza ta' skrittura datata April, 2008, (ara foll 26);

16.2. L-ezistenza ta' skrittura ohra datata Gunju, 2008, (ara foll 28), li hi ftit differenti minn dik precedenti u fiha klawsola aktar;

16.3. Illi kif jirrizulta mill-*email* datata t-2 ta' Lulju, 2008, in-negozjati bejn il-partijiet jirrizultaw li kienu ghadhom ghaddejjin f'din id-data, *stante* li r-rikorrenti kien hawn ghadu jidher li kien qed jitlob termini ohra u kummissjoni differenti milli kienet precedentement proposta, (ara foll 30);

16.4. Illi fl-*e-mail* indikata fil-paragrafu precedenti, l-interlokutrici firmatarja tal-istess infurmat lir-rikorrenti, f'isem is-socjeta` intimata, li l-proposti tal-istess rikorrenti kienu qed jigu respinti;

Ikkunsidrat:

17. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li l-iskrittura t'April, 2008, ma ikkonsolidatx il-kuntratt kif allegat mir-rikorrenti *stante* li jirrizulta assodat li n-negozjati bejn il-partijiet baqghu ghaddejjin wara l-imsemmija data, u giet ukoll ipprezentata skrittura ulterjuri datata Gunju, 2008;

18. Illi konsegwenza tal-istess, l-iskrittura datata t-28 t'April, 2008, tirrizulta li kienet biss abbozz u ma tikkwalifikax bhala ftehim finali konklussiv;

19. Illi ghalhekk, il-ftehim datat it-28 t'April, 2008, li fuqu jibbaza l-kawza tieghu r-rikorrenti hu biss abbozz u mhux kuntratt;

20. Illi eventwalment fil-5 ta' Marzu, 2008, ir-rikorrenti pprezenta r-rizenja tieghu minn mas-socjeta` intimata, (ara foll 25);

Ikkunsidrat:

21. Illi l-funzjoni tal-qorti hi dik li tezamina il-provi prodotti u tiddeciedi fir-rigward jekk hemm bzonn anke a bazi ta' probabilita`;

22. Illi minkejja l-istess, tali bazi ta' probabilita` ghandha tirrizulta mill-provi prodotti u mhux li tigi dezunta superficjalment;

Ikkunsidrat:

23. Illi minn ezami tal-provi kollha prodotti din il-qorti hi sodisfatta li l-partijiet, ghalkemm kienu qed jinnegozjaw bil-ghan li jilhqu ftehim, in-negozjati li jirrizultaw li kellhom qatt ma wassalhom li jikkristallizzaw dan il-ftehim konkretament;

24. Illi l-ftehim tat-28 t'April, 2008, li fuqu jibbaza ruhhu r-rikorrenti irrizulta li kien biss abbozz li kien eventwlament superat b'abbozz sussegwenti datat Gunju, 2008, u b'diskussjonijiet u proposti hemm elenkati;

25. Illi mill-*e-mail* tat-2 ta' Lulju, 2008, (ara foll 30), jirrizulta wkoll assodat li d-diskussjonijiet bejn il-partijiet qatt ma gew kristallizzati fi ftehim konsolidat u dejjem baqghu fi stadju t'abbozz;

26. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi konvinta li l-partijiet in dizamina kienu biss fil-fazi ta' trattattivi biex eventwalment iwassalhom ghall-ftehim ahhari – liema ftehim qatt m'intlahaq;

Ikkunsidrat:

27. Illi in vista tal-premess allura ghandu jkun pacifiku li t-tieni (2) risposta guramentata tas-socjeta` intimata, (ara foll 17),

ghandha tigi akkolta, waqt li t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

28.0. Illi fir-rigward tal-kontro-talba sollevata mis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti jinghad sintetikament is-segwenti:

28.1. Illi fuq l-iskorta tal-konsiderazzjonijiet fuq elenkati li fuqhom gew respinti t-talbiet tar-rikorrenti din il-qorti ghandha ghalhekk ukoll takkolji l-ewwel (1) talba tal-istess socjeta` intimata rikonvenzjonanti, kif kontenuta fil-kontro-talba taghha, (ara foll 22), *stante* li l-iskrittura in dizamina datata t-28 t'April, 2008, qatt ma giet iffirmata mir-rapprezentant tas-socjeta` intimata;

28.2. Illi ghalhekk m'hemm bzonn li jinghad xejn aktar dwar it-tieni (2) u t-tielet (3) kontro-talba, (ara foll 22);

28.3. Illi ghalhekk ukoll ir-risposti tar-rikorrenti rikonvenzjonat ghandhom jigu respinti;

29.0. Illi konsegwentement:

**DECIDE:**

29.1. Takkolji t-tieni (2) risposta tas-socjeta` intimata;

29.2. Tiddikjara li mhux minnu li fit-28 t'April, 2008, gie iffirmat xi ftehim mar-rikorrenti;

29.3. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

29.4. Illi fir-rigward tal-kontro-talba tiddikjara li l-abbozz ta' ftehim datat it-28 t'April, 2008, kien sorpassat bi skrittura ohra datata Gunju, 2008;

29.5. Illi konsegwentement in-negozjati *de quo* qatt ma wasslu ghal ftehim konklussiv bejn il-partijiet;

29.6. Tirrespingi r-risposti tar-rikorrenti rikonvenzjonat fir-rigward tal-imsemmija kontro-talba;

29.7. Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti Wolf Vom Schloss.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**